# INTERMEZZ MONDJALI

## Rassenja kulturali internazzjonali

# Awtriċi provokattiva fit-teatru

*"Nemmen li awtur għandu jinvolvi ruħu soċjalment u politikament b'mod kreattiv, speċjalment fil-kitba teatrali"* - Clare Azzopardi



minn
**Mario Azzopardi**

marpardi@maltanet.net

> **Il-ktieb Malti sar klassi, tieħu gost tarah u jħabbatha sew ma' kotba barranin.**

Ftit huma l-awturi nisa Maltin li daħlu ghall-kitba teatrali.

Dan l-aħħar tfaċċat fix-xena Clare Azzopardi, li diġà ħalliet il-marka taghha fil-kamp tal-proża u b'testi espressament ghat-tfal. U issa Azzopardi tidher li bdiet thalli impatt, anki barra minn Malta, b'xehta ta' kitba ghall-palk li ghal Malta hi ġdida, kemm tematikament kif ukoll stilistikament.

L-ewwel dramm taghha, *L-Interdett taħt is-Sodda* kien ittella' ghall-ewwel darba fil-Kavallier ta' San Ġakbu f'Novembru 2006 mill-kumpanija Teatrutramm, bid-direzzjoni ta' Marcelle Teuma.

Fl-okkażjoni tal-Presidenza Franċiża tal-Unjoni Ewropea, id-dar ta' pubblikazzjoni *Editions Théâtrales* se tip-pubblika 27 ktieb b'27 dramm oriġinali mill-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea.

Id-dramm *L-Interdett taħt is-Sodda* hu dak li ntghażel biex jirrappreżenta lil Malta. Inqaleb ghall-Franċiż minn Cécilia Mattalia bil-kollaborazzjoni ta' Olivier Favier u se jinqara fit-Théâtre de l'Odéon f'Pariġi f'Novembru 2008, b'direzzjoni ta' Alexandra Tobelaim.

L-istess dramm intghażel mill-*organizzazzjoni International Association for Creation and Training* (ACT) biex jittella' f'Lixandra fi Frar 2009. Ġie maqlub ghall-Gharbi minn Walid Nabhan u se jiġi pubblikat mill-istess organizzazzjoni fi Frar li ġej.

*Intermezz* intervista lil Clare Azzopardi.

***L-impenn tal-awturi nisa fil-kitba teatrali waqaf ghal kollox malli waqfet tikteb Doreen Micallef, li mietet xi snin ilu. Ghandek xi spjegazzjoni ghal dan in-nuqqas?***

Naħseb li jekk tikteb ghat-teatru u ma jkollokx direttur ma' min tiddiskuti x-xoghol tieghek, tista' ma tikteb xejn. Nemmen li l-kitba tat-teatru ma tinvolvix biss l-awtur imsakkar f'kamartu quddiem kompjuter. Tinvolvi ħafna iktar minn hekk. Hemm id-diskussjonijiet kontinwi mad-direttur, mal-atturi u saħansitra mad-disinjatur tas-sett.

Awtur li qed jikteb ghat-teatru jrid ikollu stampa ċara tal-ispazju li fih se jinhadem id-dramm. Xoghol teatrali jieħu l-ħajja f'dak il-mument li jittella' fl-ispazju li fih hemm l-attur u l-ispettatur. Jista' jkun li n-nisa qatt ma kitbu ghall-palk ghax qatt ma sabu min itellghalhom xogħolhom?

Ghax nghiduha kif inhi, jekk ma jkollokx idea ċara ta' min se jinterpreta 'l xoghlok u fejn se jittella' allura ghaliex tikteb dramm? Biex jiġi stampat u jinqara?

Hu minnu li n-nisa kittieba f'Malta huma ftit. Tghoddhom fuq is-swaba' t'id waħda. Il-maġġoranza jiktbu l-poeżija, uħud jiktbu ghat-tfal u ftit oħra jiktbu l-proża.

Forsi hu iktar faċli li tikteb waħdek u tara l-kliem stampat fi ktieb milli tikteb biex tara l-kliem tieghek jiġi interpretat minn direttur u mill-atturi fi spazju żghir. Jista' jkun li s-sistema edukattiva mhix trawwem biżżejjed nisa biex isiru jħobbu l-palk u jinvolvu lilhom infushom fil-kitba teatrali.

Forsi n-nisa ghadhom ma ġġildux biżżejjed biex jiksbu post fid-dinja teatrali. Jew inkella, jista' jkun li n-nisa Maltin ghandhom passjonijiet oħra?! Ghandhom inqas ħin? Ma nafx. Naf li d-dinja anglo-sassona qed tara numru ta' kittieba nisa ġodda ghat-teatru, u iktar ma jghaddi ż-żmien dawn qed jiżdiedu.

F'Londra per eżempju, jinghataw residenzi ta' xahar jew iktar mir-Royal Court Theatre, biex l-awturi jiktbu u jtellghu x-xoghol taghhom mad-direttur tal-post. Dan hu inċentiv ghall-awtur, ghax ma rridux ninsew li biex ittella' dramm trid ħafna flus. Ma jidhirlix li f'Malta ghandna xi inċentiv jew xi fondi li jistghu jghinu lill-awturi u d-diretturi biex itellghu xoghol oriġinali.

***Konna drajna nassoċjawk bħala awtriċi tan-next generation fejn tidħol il-proża innovattiva. X'wasslek biex tidħol ghall-kitba teatrali? F'liema medium thossok f'tieghek l-aktar?***

Niftakar li l-ewwel *email* li rċevejt minghand Marcelle Teuma wara li qrat xi stejjer tieghi, kienet tghid hekk, *"Il-kitba tieghek nista' nivviżwalizzaha u nista' naraha tinħadem fuq palk. Id-djalogu tieghek hu immedjat, effettiv u b'saħħtu. Xalata naghmel bih."* Dominic Dromgoole, id-direttur tal-Oxford Stage Company, jghid hekk dwar il-kitba ghat-teatru, "*If there is one gift without which it is impossible to write plays, it is the gift for dialogue.*"

Ironikament l-ewwel xoghol tieghi ghat-teatru jikkonsisti f'żewġ monologi. Madankollu x-xoghol li qed nikteb bħalissa hu mibni kollu kemm hu fuq id-djalogu.

Żgur li Marcelle Teuma tatni ħafna kuraġġ u bil-ħeġġa u l-passjoni taghha qarrbitni iktar lejn it-teatru. Fil-fatt, ix-xoghol tal-Interdett ktibtu wara ħafna diskussjonijiet maghha u mat-tim kollu ta' Teatrutramm, u wara ħafna riċerka u intervisti ma' nies li ghexu fi żmien l-interdett.

Imbaghad ċara wkoll li ghal dawn l-aħħar ħames snin kelli l-opportunità li nara ħafna xoghlijiet teatrali f'Londra, f'Edinburgh, u f'pajjiżi oħra Ewropej; xoghlijiet kemm klassiċi, bħal Goethe, Ibsen, Chekov, u kontemporanji bħal Albee, Shaffer, Crimp, Kane, Greig, Walsh u Ravenhill. Iktar ma jghaddi ż-żmien, iktar ma naqra u nara xoghlijiet teatrali, iktar qed tikber il-passjoni ghat-teatru.

Il-ġeneri huma differenti: dak li jesperjenza kittieb ghat-teatru hu kompletament differenti minn dak li jesperjenza kittieb tal-proża. Il-kitba ghat-teatru trid tolqot mijiet ta' nies f'daqqa u ġġieghlhom jirreaġixxu ghal dak li qed jaraw u jisimghu; trid issabbathom, u ddaħħaqhom, tghollihom u terġa' ssabbathom.

Il-proża hi differenti. U allura ma nistax nghid li nippreferi kitba minn oħra. Jien nikteb ghat-tfal ukoll u l-iżvog li taghtini l-kitba tat-tfal ma nsibu fl-ebda tip ta' kitba oħra. Huma burdati differenti u kull burdata toħroġ f'kitba differenti.

Bħalissa qed nikteb it-tieni dramm imma fl-istess ħin qed norqom l-ewwel rumanz ghat-tfal. Ma nafx jekk fil-futur ghadx nikteb biss ghat-teatru jew ghat-tfal, jew inkella stejjer qosra. Ghadu wisq kmieni biex nghid. Ghadni qed nesperimenta biex nara sa fejn tista' twassal il-kitba tieghi.

***Fl-ewwel xoghol teatrali tieghek, 'L-Interdett taħt is-Sodda' (2006), missejt molla kruċjali dwar il-kunflitt politiku-reliġjuż fis-Sittinijiet. Lanqas l-awturi ta' dik il-ġenerazzjoni ma kienu investigaw dik it-tema. Jidher li l-awturi lokali huma reluttanti fejn jidħlu ċerti temi jaharqu. Ghaliex taħseb li l-awturi ghandhom jikkommettu ruħhom f'dan is-sens ukoll?***

Jista' jkun li ghax m'ghextx dawk iż-żminijiet, stajt inħares lejhom b'mod differenti minn xi ħadd li ghexhom u ghadda mill-weġghat li ġabu maghhom. Jista' jkun ukoll li s-silenzju min-naħa ta' missieri li ghex is-sittinijiet, ġieghlni nfittex iktar fuq dan il-perjodu u nikteb fuqu.

Imma jista' jkun ukoll li s-silenzju tal-kittieba tal-ġenerazzjoni ta' qabli, intrigani biex nikteb. Awtur ghandu jkun kuraġġuż biżżejjed biex jghid dak li qatt ma ntqal, dak li hu meqjus bħala tabù, jew inkella biex jghid dak li diġà ntqal imma b'mod differenti. Nemmen li awtur ghandu jinvolvi ruħu politikament u soċjalment b'mod kreattiv speċjalment fil-kitba teatrali ghax it-teatru jinvolvi l-pubbliku b'mod dirett.

***It-traduzzjoni kemm bl-Gharbi kif ukoll bil-Franċiż tax-xoghol tieghek sabet fortuna immedjata f'żewġ kuntesti kulturali kompletament differenti: fl-Eġittu u fi Franza. X'taħseb li hu l-appell ġenerali fl-Interdett, li saħanistra jista' jikseb l-approvazzjoni klamoruża f'żewġ pajjiżi daqstant diversi minn xulxin?***

Ir-reliġjon, il-Knisja u l-politika huma temi universali li jolqtu lil kulħadd. Id-dramm *L-Interdett taħt is-Sodda* jmiss it-temi tal-esklużjoni, in-nuqqas tal-libertà tal-kelma u l-kwistjoni politiko-reliġjuża li ma sehħitx f'pajjiżna biss. Hu dramm sinċier u fl-istess ħin provokattiv. Lill-udjenza jqanqalha u jġieghlha tistaqsi. Forsi ghalhekk intghażel biex jittella' kemm f'Pariġi kif ukoll f'Lixandra. Kienet kwistjoni taħraq dik tas-sittinijiet, u l-kwistjonijiet jaharqu dejjem jinteressaw lil ħafna nies. Illum ghandna kwistjonijiet oħra jaharqu imma xorta waħda relatati mar-reliġjon u l-politika.



Clare Azzopardi